



2025/386

25.2.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/386

tal-24 ta' Frar 2025

li jimplimenta l-Artikolu 8a tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarusja u l-involviment tal-Belarusja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 tat-18 ta' Mejju 2006 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarusja u l-involviment tal-Belarusja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 8a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-18 ta' Mejju 2006, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 765/2006.
- (2) Abbażi ta' rieżami tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK ⁽²⁾, il-Kunsill iddeċieda li l-miżuri restrittivi stabbiliti fiha jenħtieġ li jiġġeddu sat-28 ta' Frar 2026.
- (3) Jenħtieġ li jiġu emendati d-dikjarazzjonijiet tar-raġunijiet marbuta ma' 10 persuni fiżiċi u żewġ persuni ġuridiċi inklużi fil-lista tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 765/2006.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 765/2006 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidhrol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Frar 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

K. KALLAS

⁽¹⁾ ĠU L 134, 20.5.2006, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2006/765/oj>.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK tal-15 ta' Ottubru 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarusja u l-involviment tal-Belarusja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna (ĠU L 285, 17.10.2012, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2012/642/oj>).

ANNEX

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) Tabella “A. Persuni fiżiċi msemmija fl-Artikoli 2(1)” hija emendata kif ġej:

(a) l-entrata duplikata li ġejja titħassar:

“251. Iryna Vladimirovna PADKAVYRAVA”;

(b) l-entrata li tikkonċerna l-persuna deċeduta li ġejja titħassar:

“30. Uladzimir Viktaravich KALACH”;

(c) l-entrati 26, 108, 112, 125, 166, 195, 196, 258, 260, 261 huma sostitwiti b'dan li ġej:

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (Ortografija Belarussa) (Ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal-ejenkar
“26.	Ivan Yurievich SAKALOUSKI Ivan Yurievich SOKOLOVSKI	Іван Юр'евіч САКАЛОЎСКИ Иван Юрьевич СОКОЛОВСКИЙ	Pożizzjoni(jiet): Direttur taċ-ċentru ta' detenzjoni f'Akrestina, Minsk Data tat-twelid: 17.11.1979 Sess: raġel	Fil-kapaċità tiegħu bħala Direttur taċ-ċentru ta' detenzjoni f'Akrestina f'Minsk, Ivan Sakalouski huwa responsabbli għat-trattament inuman u degradanti, inkluż it-tortura, imwettaq fuq ċittadini detenuti f'dak iċ-ċentru ta' detenzjoni wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020.	2.10.2020
108.	Sviatlana, Anatoleuna LYUBETSKAYA Svetlana Anatolevna LYUBETSKAYA	Святлана Анатольеўна ЛЮБЕЦКАЯ Светлана Анатольевна ЛЮБЕЦКАЯ	Pożizzjoni(jiet): Imhalef fil-Qorti Kostituzzjonali tal-Belarussja, eks Membru tal-Kamra tar-Rappreżentanti tal-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika tal-Belarussja, eks President tal-Kummissjoni Permanenti dwar il-Liġi Data tat-twelid: 3.6.1971 Post tat-twelid: Unjoni Sovjetika (illum l-Ukrajna) Sess: mara Nazzjonalità: Belarussa	Fil-pożizzjoni preċedenti tagħha bħala President tal-Kummissjoni Parlamentari dwar il-Liġi, Sviatlana Lyubetskaya kienet responsabbli għall-adozzjoni tal-Kodiċi ta' Ksur Amministrattiv ġdid (daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2021) li jawtorizza arresti arbitrarji u impona aktar responsabbiltà għall-parteċipazzjoni f'avvenimenti tal-massa, inkluż għat-turija ta' simboli politiċi. Permezz ta' dawn l-attivitajiet leġislattivi, hija responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-dritt ta' għaqda paċifika, u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika. Dawn l-attivitajiet leġislattivi jdgħajfu serjament ukoll id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Belarussja. Hija għadha attiva fir-reġim ta' Lukashenko bħala imhalef fil-Qorti Kostituzzjonali, maħtura minn Alexander Lukashenko.	21.6.2021

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (Ortografija Belarussa) (Ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal-ejenkar
112.	Siarhei Aliksandravich GUSACHENKA Sergey Alexandrovich GUSACHENKO	Сяргей Аляксандравіч ГУСАЧЭНКА Сергей Александрович ГУСАЧЕНКО	Pożizzjoni(jiet): L-Ewwel Viċi President tal-Kumpanija Nazzjonali tat-Televiżjoni u r-Radju tal-Istat (Belteleradio Company) Data tat-twelid: 5.11.1983 Post tat-twelid: Minsk, Unjoni Sovjetika (illum il-Belarussja) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussu Tel. (uffiċċju): + 375 (17) 369-90-15	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala l-Ewwel Viċi President ta' Belteleradio Company (il-Kumpanija Nazzjonali tat-Televiżjoni u r-Radju tal-Istat), awtur u preżentatur tal-programm televiżiv ta' propaganda ta' kull ġimgħa 'Glavnyy efir', Siarhei Gusachenka kien u għadu intenzjonalment jipprovdi lill-pubbliku Belarussu informazzjoni falza dwar ir-riżultat tal-elezzjonijiet, il-protesti, ir-repressjonijiet imwettqa mill-awtoritajiet tal-istat u l-attivitajiet tar-reġim ta' Lukashenka li jiffaċilitaw il-qsim illegali tal-fruntieri esterni tal-Unjoni. Huwa direttament responsabbli għall-mod kif it-televiżjoni tal-istat jippreżenta l-informazzjoni dwar is-sitwazzjoni fil-pajjiż, u b'hekk jagħti appoġġ lill-awtoritajiet, inkluż lil Lukashenka. Huwa għalhekk qed jappoġġa r-reġim ta' Lukashenka.	21.6.2021

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (Ortografija Belarussa) (Ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal-ejenkar
125.	Mikhail Saferbakovich GUTSERIEV	Микаил (Михаил) Сафарбекович ГУЦЕРИЕВ	Pożizzjoni(jiet): Negożjant, azzjonist u president tal-bord ta' eżekuttivi ta' Slavkali, president tal-bord tad-diretturi u azzjonist ta': JSC Mospromstroj, Industrial Financial Group Safmar JSC, LLC Proekt Grad Membru tal-bord tad-diretturi u azzjonist ta' JSC NKNeftisa Data tat-twelid: 9.3.1958 Post tat-twelid: Akmolinsk, Unjoni Sovjetika (illum il-Kazakistan) Sess: raġel Nazzjonalità: Russu	Mikhail Gutseriev huwa negożjant prominenti Russu, b'interessi kummerċjali fil-Belarussja fis-setturi tal-enerġija, tal-potassa, tal-ospitalità u oħrajn. Huwa ilu żmien twil konoxxenza ta' Aliaksandr Lukashenka u bis-saħħa ta' dik l-assoċjazzjoni akkumula għid u influwenza sinifikanti fost l-elit politiku fil-Belarussja. Safmar, kumpanija li kienet ikkontrollata minn Gutseriev, kienet l-unika ditta taż-żejt Russa li komplet tforni ż-żejt lir-raffineriji Belarussi waqt il-kriżi tal-enerġija bejn il-Belarussja u r-Russja fil-bidu tal-2020. Gutseriev appoġġa wkoll lil Lukashenka f'tilwim mar-Russja dwar il-kunsinni taż-żejt. Gutseriev kien il-president tal-bord tad-diretturi u azzjonist fil-kumpanija Slavkali, li qed tibni l-impjant ta' Nezhinsky għat-tħaffir u l-ipproċessar tal-klorur tal-potassju bbażat fuq id-depożitu ta' melħ potassiku ta' Starobinsky qrib Lyuban. Dan huwa l-akbar investiment fil-Belarussja, b'valur ta' USD 2 biljun. Lukashenka wiegħed li jibdel l-isem tal-belt ta' Lyuban għal 'Gutserievsk' biex jagħtih għe. In-negożji l-oħrajn tiegħu fil-Belarussja inkludew stazzjonijiet tal-fjuwil u mħażen taż-żejt, lukanda, ċentru tan-negożju u terminal tal-ajruport f'Minsk. Lukashenka rringrazzja wkoll lil Gutseriev għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji tiegħu għall-karità u l-investimenti ta' valur ta' biljuni ta' dollari fil-Belarussja. Gutseriev ddikjara wkoll li huwa s-sid ta' residenza, li de facto tappartjeni lil Lukashenka, u b'hekk għattielu meta l-ġurnalisti bdew jinvestigaw l-assi ta' Lukashenka. Gutseriev attenda l-inawgurazzjoni sigrieta ta' Lukashenka fit-23 ta' Settembru 2020. F'Ottubru 2020, Lukashenka u Gutseriev it-tnejn deheru fil-ftuħ ta' knisja ortodossa, li dan tal-aħħar sponsorja. Gutseriev assista fl-akkwist tal-iskanners tas-CT għall-Belarussja matul il-kriżi tal-COVID-19. Għaldaqstant Mikhail Gutseriev qed jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u jappoġġah.	21.6.2021

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (Ortografija Belarussa) (Ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal-ejenkar
166.	Aleh Siarheevich HAIDUKEVICH Oleg Sergeevich GAIDUKEVICH	Алег Сяргеевіч ГАЙДУКЕВІЧ Олег Сергеевич ГАЙДУКЕВИЧ	Pożizzjoni(jiet): Viċi President tal-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet Internazzjonali fil-Kamra tar-Rappreżentanti tal-Assemblea Nazzjonali, membru tad-delegazzjoni tal-Assemblea Nazzjonali għall-kuntatti mal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa, President tal-Partit Demokratiku Liberali tal-Belarusija Data tat-twelid: 26.3.1977 Post tat-twelid: Minsk, Unjoni Sovjetika (illum il-Belarusija) Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussu Identifikazzjoni personali: 3260377A081PB9 Numru tal-passaport: MP2663333	Aleh Haidukevich huwa l-Viċi President tal-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet Internazzjonali fil-Kamra tar-Rappreżentanti tal-Assemblea Nazzjonali, u membru tad-delegazzjoni tal-Assemblea Nazzjonali għall-kuntatti mal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa. Huwa għamel dikjarazzjonijiet pubbliċi, fejn faħħar id-devjazzjoni tat-titjira tal-passiġġieri FR4978 lejn Minsk fit-23 ta' Mejju 2021. Din id-deċiżjoni politikament motivata ttieħdet mingħajr ġustifikazzjoni xierqa u kellha l-għan tal-arrest u d-detenzjoni tal-ġurnalist tal-oppożizzjoni Raman Pratasevich u Sofia Sapega u hija forma ta' repressjoni kontra s-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Belarusija. Barra minn hekk, Aleh Haidukevich għamel dikjarazzjonijiet pubbliċi li jissuġġerixxu li l-mexxejja tal-oppożizzjoni Belarussa jistgħu jiġu detenuti barra mill-pajjiż u jiġu ttrasportati lejn il-Belarusija 'f'bagoll ta' karozza', u b'hekk appoġġa r-repressjoni kontinwa tal-forzi tas-sigurtà fuq l-oppożizzjoni demokratika u l-ġurnalisti Belarussi. Aleh Haidukevich huwa l-president tal-Partit Demokratiku Liberali tal-Belarusija, li jappoġġa lil Lukashenka. Huwa għalhekk qed jappoġġa r-reġim ta' Lukashenka.	21.6.2021

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (Ortografija Belarussa) (Ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal-ejenkar
195.	Ivan Ivanavich GALAVATYI Ivan Ivanovich GOLOVATY	Іван Іванавіч ГАЛАВАТЫ Иван Иванович ГОЛОВАТЫЙ	Pożizzjoni(jiet): eks Direttur Ġenerali tal-Open Joint Stock Company 'Belaruskali', President tal-bord superviżorju ta' JSC Belarussian Potash Company. L-Ewwel Viċi Direttur ta' Nedra Nezhin Membru tal-Kumitat Permanenti tal-Kunsill tar-Repubblika tal-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika tal-Belarussja għall-Affarijiet Barranin u s-Sigurtà Nazzjonali Data tat-twelid: 15.6.1976 Post tat-twelid: l-Insedjament ta' Pogost, id-Distrett ta' Soligorsk, il-Provinċja ta' Minsk, il-Belarussja Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussu	Ivan Galavatyi huwa l-eks direttur ġenerali tal-intrapriża tal-istat Belaruskali, li hija sors ewlieni ta' dħul u munita barranija għar-reġim ta' Lukashenka. Huwa eks membru tal-Kunsill tar-Repubblika u tal-Assemblea Nazzjonali. Huwa għandu wkoll diversi pożizzjonijiet għolja oħra fil-Belarussja u rċieva diversi premjijiet tal-istat, inkluż mingħand Lukashenka, tul il-karriera tiegħu. Huwa kien assoċjat mill-qrib ma' Lukashenka u ma' membri tal-familja tiegħu. Aliksandr Lukashenka ppropona li Ivan Golovaty jintbagħat jaħdem bħala ambaxxatur f'wieħed mill-pajjiżi tal-Komunità ta' Stati Indipendenti. Għaldaqstant qed jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u jappoġġah. Bħala eks direttur ġenerali ta' Belaruskali, Ivan Galavatyi kien involut direttament fir-rilokazzjoni min-naħa tar-reġim ta' Lukashenka ta' tfal Ukreni minn territorji okkupati f'kollaborazzjoni mar-Russja. Għaldaqstant, Ivan Galavatyi jappoġġa r-reġim ta' Lukashenka. Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-Ewwel Viċi Direttur ta' Nedra Nezhin, kumpanija li mid-dehra hija suċċessur ta' Slavkali, produttur ewlieni tal-potassa fil-Belarussja. L-impjegati ta' OJSC 'Belaruskali' li hađu sehem fi strajks u protesti paċifiċi wara l-elezzjonijiet presidenzjali frodulent ta' Awwissu 2020 fil-Belarussja, ġew imċaħħda minn primjums u mkeċċija. Alexander Lukashenka nnifsu hedded personalment li jissostitwixxi lil dawk li strajkjaw b'minaturi mill-Ukrajna. Għaldaqstant, bħala l-kap ta' Belaruskali, Ivan Galavatyi huwa responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili.	3.6.2022

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (Ortografija Belarussa) (Ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
196.	Aliaksandr Uladzimirovich KARNIENKA Alexander Vladimirovich KORNIENKO	Аляксандр Уладзіміравіч КАРНІЕНКА Александр Владимирович КОРНИЕНКО	Pożizzjoni(jiet): Eks kap tal-Kolonja Penali IK-17 Shklov, Logutenent Kurunell tas-Servizz Intern Spettur Distrettwali, Dipartiment tal-Affarjiet Interni tal-Kumitat Eżekuttiv Distrettwali ta' Slutsk Data tat-twelid: 9.1.1979 Sess: raġel Nazzjonalità: Belarussu	Fil-pożizzjoni tiegħu bħala eks kap tal-Kolonja Penali IK-17 f'Shklov, Aliaksandr Karnienka huwa responsabbli għat-trattament inuman u degradanti, inkluż it-tortura, tal-priġunieri politiċi u ta' ċittadini oħra detenuti f'dik il-kolonja penali wara l-elezzjoni presidenzjali tal-2020 u l-protesti paċifiċi sussegwenti. Huwa kien il-kap tal-kolonja penali meta miet il-priġunier politiku Vitold Ashurak f'dik il-kolonja penali fil-21 ta' Mejju 2021, f'ċirkostanzi mhux spjegati. Għaldaqstant huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja. Huwa għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala uffiċjal tal-Kumitat Eżekuttiv Distrettwali ta' Slutsk.	3.8.2023
258.	Viktar Arkadzievich SHAUTSOU Viktor Arkadieвич CHEVTSOV/ SHEVTSOV	Віктар Аркадзьевіч ШАЎЦОЎ Виктор Аркадьевич ШЕВЦОВ	Pożizzjoni(jiet): Negozjant, investitur Data tat-twelid: 5.12.1963 Post tat-twelid: Il-villaġġ ta' Razumava, ir-reġjun ta' Vitebsk, il-Belarussja Nazzjonalità: Belarussu Sess: raġel Numru tal-passaport: MP4572331, maħruġ fi 12.2.2021 Identifikazzjoni personali: 3051263A036PB7	Viktar Shautsou huwa negozjant b'interessi kummerċjali fil-Belarussja. Fir-rwol tiegħu bħal konslu onorarju tal-Filippini fil-Belarussja, huwa qed jappoġġa r-reġim ta' Lukashenka. Barra minn hekk, qed jibbenefika mir-reġim, permezz tal-involvement tiegħu fir-Reshenie Bank, li mbagħad għandu interessi fi u huwa involut fil-kumplex tal-mużew ta' Dudutki, li qed jibbenefika mill-baġit tal-istat Belarussu. Għalhekk, Viktar Shautsou qed jappoġġa u jibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka.	5.8.2024

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (Ortografija Belarussa) (Ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
260.	Anton Genadzevich DUDAL Anton Gennadievich DUDAL	Антон Генадзе́вич ДУДА́ЛЬ Антон Генна́дьевич ДУДА́ЛЬ	Pożizzjoni(jiet): eks Imħallef tal-qorti tar-reġjun ta' Bobruisk u l-belt ta' Bobruisk, President tal-Qorti Distrettwali ta' Kirovsky Nazzjonalità: Belarussu Data tat-twelid: 11.8.1986 Sess: raġel Identifikazzjoni personali: 3110886M079PB3	Anton Dudal huwa mħallef li serva fil-Qorti Distrettwali ta' Bobruisk u l-belt ta' Bobruisk. Huwa nħatar minn Aliaksandr Lukashenka fl-2019. Ta sentenzi b'motivazzjoni politika, inkluż kontra ċittadini tal-Belarussja li esprimew l-opinjoni tagħhom kontra l-President. Ikkundanna lil ċittadin talli aġixxa b'awtodifiża kontra l-brutalità tal-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi. Ittrasferixxa lil Andrey Sachevko lejn ħabs f'Mahiliou. Anton Dudal huwa għaldaqstant responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika. Għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-President tal-Qorti Distrettwali ta' Kirovsky.	5.8.2024
261.	Mikalai Vasilievich SIARHEEVICH Nikolai Vasilievich SERGEEVICH	Мікалай Васільевіч СЯРГЕЕВІЧ Николай Васильевич СЕРГЕЕВИЧ	Pożizzjoni(jiet): eks Imħallef tal-Qorti Distrettwali ta' Zhlobinsky tar-Reġjun ta' Gomel, President tal-Qorti Distrettwali ta' Chechersky Nazzjonalità: Belarussu Data tat-twelid: 22.8.1983 Sess: raġel Identifikazzjoni personali: 3220883H026PB7	Mikalai Siarheevich kien imħallef Belarussu li serva fil-Qorti Distrettwali ta' Zhlobinsky tar-Reġjun ta' Gomel. Inħatar minn Aliaksandr Lukashenka. Ta sentenzi motivati politikament kontra ċittadini tal-Belarussja li esprimew l-opinjoni tagħhom kontra l-elezzjonijiet presidenzjali frodulent tal-2020, inkluż dawk li ħadu sehem fil-protesti ta' Zhlobin. Mikalai Siarheevich huwa għalhekk responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika. Għadu attiv fir-reġim ta' Lukashenka bħala l-President tal-Qorti Distrettwali ta' Chechersky.	5.8.2024";

(2) fit-Tabella “B. Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 2(1)”, l-entrati 13 u 27 huma sostitwiti b’dan li ġej:

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (Ortografija Belarussa) (Ortografija Russa)	Informazzjoni ta’ identifikazzjoni	Raġunijiet għall-ejenkar	Data tal-ejenkar
“13.	Minskii Avtomobilnyi Zavod (MAZ) / OJSC ‘MAZ’ Open Joint Stock Company ‘Minsk Automobile Works’ - Kumpanija Maniġerjali ta’ ‘BELAVTOMAZ’ Holding	ААТ ‘Мінскі аўтамабільны завод’ ОАО ‘Минский автомобильный завод’	Indirizz: Socialisticheskaya 2, 220021 Minsk, Belarus Sit elettroniku: http://maz.by/ Data tar-reġistrazzjoni: 16.7.1944 Tel. + 375 (17) 217-22-22; + 8000 217-22-22	OJSC Minsk Automobile Plant (MAZ) hija waħda mill-akbar intrapriżi tal-istat li jimmanifatturaw karożżi fil-Belarussja. Lukashenka ddeskriviha bħala ‘waħda mill-aktar intrapriżi industrijali importanti tal-pajjiż’. Hija sors ta’ dħul għar-reġim ta’ Lukashenka. OJSC MAZ offriet il-bini u t-tagħmir tagħha biex tiġi organizzata dimostrazzjoni politika favur ir-reġim. Barra minn hekk, minħabba l-involvement tal-Belarussja fil-gwerra Russa ta’ aggressjoni kontra l-Ukrajna, MAZ tikkonsenja trakkijiet militari lill-Armata Russa, li jintużaw ukoll fit-territorju Ukren għal azzjonijiet militari. Għaldaqstant, OJSC MAZ tibbenefika mir-reġim ta’ Lukashenka u tappoġġah. L-impjegati ta’ OJSC MAZ li ħadu sehem fi strajks u protesti paċifiċi wara l-elezzjonijiet frodulenti ta’ Awwissu 2020 fil-Belarussja ġew intimidati u aktar tard mkeċċija mill-maniġment tal-kumpanija. Grupp ta’ impjegati ġew imsakkra ġewwa minn OJSC MAZ biex dawn ma jitħallewx jingħaqdu ma’ dimostranti oħra. Għaldaqstant OJSC MAZ hija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tappoġġa lir-reġim ta’ Lukashenka.	21.6.2021

	Ismijiet (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Belarussa) (Trażlitterazzjoni tal-ortografija Russa)	Ismijiet (Ortografija Belarussa) (Ortografija Russa)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet għall-elenkar	Data tal-elenkar
27.	Open Joint Stock Company 'Belshina'	ААТ 'Белшина' ОАО 'Белшина'	Indirizz: 4 Minskoe Shosse St., 213824 Bobruisk, Belarus Data tar-reġistrazzjoni: 10.1.1994 Numru tar-reġistrazzjoni: 700016217 Sit elettroniku: http://www.belshinajsc.by/	OJSC Belshina hija waħda mill-kumpaniji tal-istat ewlenin fil-Belarussja u manifattur kbir ta' tajers tal-vetturi. Fis-snin 2022 u 2023 għamlet profitabbiltà ta' 9 %, kif ikkonfermat mill-viċi prim Ministru tal-Belarussja Petr Parkhomczyk. L-Istat tal-Belarussja qed jagħmel profitt dirett mill-qligħ ta' Belshina. Barra minn hekk, Belshina qed tfori tajers lill-militar Russu skjerat fl-Ukrajna u hekk tappoġġa l-involvement tal-Belarussja fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Għaldaqstant, Belshina qed tappoġġa r-reġim ta' Lukashenka. L-impjegati ta' Belshina li pprotestaw u haġu bi strajk wara l-elezzjonijiet presidenzjali tal-2020 fil-Belarussja ngħataw is-sensja u ġew sfurzati jirriżenjaw, bl-iskuża ta' assenteiżmu. Barra minn hekk, il-priġunieri politiċi huma sfurzati mill-Istat iwettqu xogħol perikoluż għall-benefiċċju ta' Belshina. Belshina tirċievi wkoll għajna mill-istat fil-forma ta' ħlas ta' djun u pagament differit tal-VAT fuq l-importazzjoni. Barra minn hekk, il-gvern tal-Belarussja jħalli lill-korpi tal-istat jixtru prodotti ta' Belshina mingħajr sejħa għall-offerti. Belshina għalhekk qed tibbenefika mir-reġim ta' Lukashenka u hija responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili.	2.12.2021".